

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

2.2.2009

0010/2009

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Donata Gottardi, Sepp Kusstatscher, Iles Braghetto, Elizabeth Lynne u  
Kathy Sinnott

dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità f'każ ta' diżastru

Data ta' skadenza: 7.5.2009

0010/2009

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità f'każ ta' diżastru**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u l-paragrafu 19 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-4 ta' Settembru 2007 dwar id-diżastri naturali,
  - wara li kkunsidra id-Dikjarazzjoni bil-Miktub Nru 0100/2007 dwar twissija minn qabel għaċ-ċittadini f'emerġenzi kbar, adottata fit-18 ta' Frar 2008,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura,
- A. billi hemm aktar minn 50 miljun persuna b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea u billi jinsabu aktar f'riskju minn persuni mingħajr diżabilità f'każ ta' diżastru naturali jew li jkun ikkawżat mill-bniedem, kif inhu indikat fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tan-NU,
- B. billi d-diżastri naturali jew li jkunu kkawżat mill-bniedem huma fenomenu rikorrenti madwar l-Unjoni Ewropea,
- C. billi l-“Karta ta' Verona” hija dikjarazzjoni ta' prinċipji dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità f'każ ta' diżastru, imfassla u ffirmata minn istituzzjonijiet internazzjonali ewlenin fid-9 ta' Novembru 2007,
1. Jappoġġja l-prinċipji tal-“Karta ta' Verona” u l-oġettiv li jinħolqu fondazzjonijiet għar-rispett komuni u universali għall-attivitajiet kollha li huma neċessarji li jiżguraw s-sigurtà u s-sikurezza ta' persuni b'diżabilità f'sitwazzjonijiet ta' riskju;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra sabiex iħaddnu l-prinċipji tal-“Karta ta' Verona” u jippromwovu miżuri xierqa għall-implimentazzjoni tagħhom;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Kunsill tal-Ewropa u lin-Nazzjonijiet Uniti.